MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2007

Numru 435/2006

Il-Pulizija
(Sp Alexander Grech)
vs
David Grech, iben Jacob, imwieled Pieta’ fl-1 ta’ lulju, 1978

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-7 ta’ mejju, 2006 għal ħabta tad-9.00 p.m. fl-inħawi ta’ fuq San Pawl, Bormla, bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b’atti esterni, iżda li mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqoegħed il-ħajja ta’ ħaddieħor f’perikolu ċar, permezz ta’ xi arma, strument jew għodda ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, fuq il-persuna ta’ Alan Scerri, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu, u dan b’arma, strument jew għodda rregolari;

2. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi qal kliem fil-pubbliku li hu oxen jew indċenti jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali, offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;
3. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi hedded bi ħwejjeġ iebsin (sikkina) lil Alan Scerri;
4. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tiegħu arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari mingħajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;
5. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi ħebb għal Alan Scerri sabiex jiġurjah, idejqu, jew jagħmillu ħsara;
6. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Alan Scerri weġġgħu bi kliem, b'ġesti jew b'mod ieħor;
7. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi żamm għandu sikkina ta' kull xorta lit kun b'xafra, bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
8. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi mbotta lil Alan Scerri sabiex iweġġgħu jew jinsulentah;
9. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi kiser il-provvedimenti ta' l-artikoli 5 u 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza tal-25 ta' mejju, 2004;
10. talli sar reċidiv b'sentenza li saret definittiva mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza tal-25 ta' mejju, 2004.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Alan Scerri.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' jannar, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216, 217, 252(1), 338(bb), 342, 339(1)(b)(d)(e)(l), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' tmintax il-xahar priġunerija. Minħabba l-fatt li l-imputat għandu problema serju ta' droga qed jiġi rakkomandat lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva li jassigura li l-imsemmi David Grech jirċievi kull għajnuna possibbli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------